*ECCEZZJONIJIET DWAR NUQQAS TA' RAPPORT GURIDIKU*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 28 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 4**
**Citazzjoni Numru: 1850/98/RCP**

**M Vending Limited**

**vs**

**Anthony Mario u Carmen konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centezmu (LM1454.62) rapprezentanti bilanc fuq somma

akbar prezz ta' merca lilhom mibjugha u konsenjata kif ukoll prezz ta' riparazzjonijiet ezegwiti mis-socjeta attrici fuq inkariku tal-konvenuti;

Illi dan il-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok A;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centesmu (Lm1454.62c) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Awissu 1998 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 3187/98, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3181/98 u bl-imghax legali mill-25 ta' Awissu 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 u 6 tal-process;

Rat id-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni attrici (Dok A – fol 7 tal-process).

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Ottubru 1998 u tat-13 ta’ Novembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 14 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta attrici qed tippretendi pagament ta' bilanc allegatament dovut fuq somma akbar rapprezentanti hlas ta' merkanzija li giet ikkonsenjata u mibjugha mhux lill-konvenuti proprio, izda lis-socjeta Travellers' Lodge Company Limited, fis-sedi ta' l-istess socjeta, u cjoe fil-fond "Travellers' Lodge", Pioneer Road, Bugibba;

2. Illi mhux talli l-merkanzija giet ikkonsenjata originarjament lis-socjeta Travellers' Lodge Company Limited u fil-fond "Travellers' Lodge", talli l-konvenut Anthony Mario Vella dejjem deher in rapprezentanza ta' tali socjeta;

3. Illi minghajr pregudizzju, u apparti l-kwistjoni ta' l-identita` tal-partijiet, fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex infondanti fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsenja tal-merkanzija saret in konsegwenza ta' kuntratt affett minn kawza illecita, li l-kunsens ghalih gie estort mill-konvenut Anthony Mario Vella b'minacci u b'theddid gravi minn rapprezentanti tal-kumpannija' attrici, kif ukoll minn terzi persuni, kif se jirrizulta mill-provi; .

4. Illi sar pagament parzjali fuq l-ammont originali permezz ta' bank draft, kif ukoll permezz ta' pagament fi flus kontanti;

5. Illi inoltre, il-konvenut Anthony Mario Vella, biex jinhall minn kull relazzjoni minn mar-rapprezentanti tal-kumpannija attrici, irritorna parti mill-merkanzija in kwistjoni, u dan bi ftehim bejn il-partijiet;

6. Illi minn zewg magni tal-kaffe`, l-impjegati tal-kumpannija attrici hadu lura wahda tal-valur ta' cirka elf u erba' mitt Lira Maltin (LM1,400 ca), u ghaldaqstant hija l-kumpannija attrici stess li tinsab debitrici tas-socjeta` Travellers' Lodge Company Limited, u dan in vista tal-fatt li l-prezz miftiehem tal-merkanzija konsenjata u mhux ritornata huwa inferjuri ghall-ammont imhallas precedentement;

7. Illi dan kollu jinghad minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenuti jew tas-socjeta` Travellers' Lodge Company Limited li jitolbu r-ripetizzjoni ta' l-indebitu in vista tal-fatt li l-ammont imhallas precedentement thallas fuq kuntratt affett minn frodi, coercizjoni u kawza illecita, u ghaldaqstant null u bla effett fil-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol 16 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 1999 fejn Dr Libreri pprezenta nota b'zewg dokumenti; tad-19 ta' Novembru 1999 fejn is-socjeta` attrici ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet; tas-7 ta' April 2000; tal-10 ta' Ottubru 2000 u tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Patrick Galea iddikjara li fuq iz-zewg eccezzjonijiet m'ghandhomx aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-28 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. PROVI.

Illi din il-kawza giet istitwita bil-procedura tal-giljottina peress li s-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma msemmija fic-citazzjoni rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' merca lilhom mibjugha u kkonsenjata kif ukoll prezz ta' riparazzjonijiet ezegwiti minnha fuq inkariku tal-konvenuti.

Illi pero` meta l-konvenuti dehru quddiem il-Qorti ddikjaraw li kellhom eccezzjonijiet validi x'jaghtu u kwindi l-Qorti ordnat li l-kawza ssir fil-kors normali taghha.

Illi z-zewgt' eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fl-ewwel lok li m'ghandhomx rapport guridiku mas-socjeta` attrici u fit-tieni lok illi l-ebda ammont m'hu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi fl-affidavit tieghu **Alfred Schembri**, direttur tas-socjeta` M Vending Limited, ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni. Hu spjega li f'Lulju 1994 li hu kien ftiehem mal-konvenut personalment sabiex il-kumpanija tieghu tbieghlu zewg magni tal-kafe u xi forrnituri maghhom. Schembri xehed li kien jaf li riedhom ghall-hotel bl-isem Travellers' Lodge pero` l-konvenut qatt ma qallu li din kienet ta' xi kumpanija u l-skond hu l-ftehim gie ffirmat mal-konvenut personalment. Illi inoltre rrefera wkoll ghall-kambjala (Dok C) li giet iffirmata mal-kuntratt u qal li l-konvenut ma ffirma ghall-ebda kumpanija. Minhabba dan il-ftehim, il-kumpanija attrici fethet account f'isem il-konvenut personali fejn kienu jnizzlu l-pagamenti li kien jaghmlilhom kif ukoll jaddebitawh bl-ispejjez tat-tiswijiet li kienu jaghmlu fuq talba tieghu fuq il-magni li bieghlu.

Illi in kontro-ezami hu gie mistoqsi jekk ic-cekkijiet li gieli s-socjeta` attrici thalset bihom kienux iffirmati *on behalf of Travellers' Lodge Company Limited* hu rrisponda li ma setghax jeskludi peress li ma kienx jiftakar. Hu kompla li din il-kwistjoni tista' tigi vverifikata jekk ikollu f'idejh ic-cekkijiet li huma ghand il-konvenut. Hu xehed li jaf li l-konvenut jiggestixxi l-lukanda Traveller's Lodge, Bugibba; u inoltre` kien jaf illi l-magni li xtara minghandu kienu ser jintuzaw fil-lukanda li kien jiggestixxi l-konvenut. Hu baqa' jinsisti li l-konvenut dejjem ftiehem personalment. Hu ma

ftakarx min kien ipprepara d-dokument in kwistjoni pero` il-probabilita` hi li dan id-dokument gie ppreparat ghal dan il-bejgh in partikolari fis-sens li mhux wiehed li hu juza' *standard*. Ix-xhud qal illi dak iz-zmien li saret din l-iskrittura kellu bhala avukat tieghu lil Dr Keith Bonnici u ghalhekk seta' kien il-kaz li dan l-*agreement* gie ippreparat minn Dr Bonnici. In ri-ezami hu qal illi meta ffirma l-kuntratt hadd minnhom ma kellu l-assistenza ta' avukat. Kienu prezenti biss Alfred Schembri u l-konvenut. Inoltre` qal illi l-kambjala kienet giet ippreparata dak in-nhar stess illi poggew il-firma fuq dan id-dokument.

Illi fl-affidavit tieghu **Anthony Mario Vella** spjega li hu direttur tas-socjeta` Travellers' Lodge Company Ltd u dejjem deher in rappresentanza ta' l-istess socjeta` u mhux f'ismu personali u lanqas f'isem martu. Illi inoltre` l-merkanzija in kwistjoni giet konsenjata lis-socjeta konvenuta fis-sedi ta' l-istess socjeta`, u cioe` fil-fond Travellers' Lodge.

Illi in kontro-ezami hu qal li ta xi flus lis-socjeta` attrici mill-flus tal-kumpanija, pero` ma kienx jaf l-ircevuta fuq min harget. Hu gharaf il-firma tieghu fuq il-*hire-purchase agreement* a fol 22 tal-process. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk hu ffirmax ghall-Travellers' Lodge hu rrisponda fl-affermattiv.

Illi mill-provi kollha prodotti kwindi filwaqt li Alfred Schembri sostna li hu dejjem ikkuntratta mal-konvenut personalment; Anthony Mario Vella sostna li hu dejjem deher in

rappresentanza tas-socjeta` Travellers' Lodge Company Ltd.

Illi bejn il-partijiet sar *hire-purchase agreement* li jinsab esebit a fol 21 u 22 tal-process. Illi f'din l-iskrittura tezisti kontradizzjoni – dan fis-sens illi filwaqt li fl-ewwel paragrafu meta jissemmew il-partijiet u l-vesti li fihom qed jidhru, l-konvenut tnizzel b'ismu biss; fl-ahhar meta l-partijiet iffirmaw, il-konvenut iffirma 'f/Travellers' Lodge'. Illi kwindi hemm bzonn li sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha, thares ukoll lejn il-kambjala ezebita bhala Dok C (a fol 31 tal-process) u lejn Dok D (fol 32 tal-process) li hu kopja ta' statement ta' account li nfetah mis-socjeta` attrici f'isem il-konvenut personali (skond kif qed issostni l-istess socjeta` attrici), fejn kienu jnizzlu l-pagament li kienu jircievu kif ukoll jaddebitawh bl-ispejjez tat-tiswijiet li kienu jaghmlu fuq talba tieghu. Il-kambjala hija ffirmata minn Alfred Schembri ghal M Vending Ltd u minn Mario Vella. Din immaturat fid-29 t'Awissu 1994.

Illi jrid jigi rilevat illi fejn fuq din il-kambjala hemm il-firma ta' Mario Vella hdejh hemm imnizzel *'Managing Director'*. Dan hu ferm indikattiv li meta Mario Vella ffirma ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Travellers' Lodge Ltd. Dan in vista anki tal-fatt li tali kambjala giet iffirmata fl-istess data li gie ffirmat il-ftehim. *Di piu`* fuq l-istatement ta' l-*account* imsemmi (Dok D) ukoll jidher li nfetah f'isem Mario Vella kif ukoll Travellers' Lodge.

Kwindi a bazi ta' dan irrizulta li Mario Vella iffirma ghal Travellers' Lodge Company Limited. Alfred Schembri, anki jekk Mario Vella ma nfurmahx espressament b'dan, kellu ndikazzjonijiet cari li l-istess Mario Vella kien qed jidher f'isem socjeta` - apparti l-ftehim u l-kambjala, hu kien jaf ukoll li l-istess magni kienu ghal gol-fond Travellers' Lodge.

Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' z-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u kwindi tilliberahom mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti**, **tichad it-tieni talba attrici**.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2001**